MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2009

Appell Kriminali Numru. 148/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. V. Aquilina)**
**(Spt. R. Aquilina)**
**Vs**
**Michael Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala ta' Gudikatura Kriminali talli :-

1. Bla ordni skond il-Ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Dolores Camilleri ID 655353M, kontra l-volonta' taghha, jew ta l-post biex fih din il-persuna giet arrestata, mizmuma jew issekwestrata, liema persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata giet offiza fuq il-persuna jew mhedda bil-mewt u liema delitt sehh bhala mezz biex l-istess persuna giet imgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-Ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel, bl-awtorita' tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil Dolores Camilleri ID 644353M fil- pussess ta' hwejjigha, jew b'xi mod iehor, kontra l-Ligi, indahal fi hwejjeg haddiehor;

3. ikkommetta attentat vjolent ghall-pudur fuq il-mara tieghu Dolores Camilleri;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, offenda l-pudur jew il-morali b'eghmil li sar f'lok pubbliku, u/jew f'lok espost ghall-pubbliku;

5. fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor;

6. fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied;

7. fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi hebb kontra Dolores Camilleri ID 644353M, sabiex jingurjaha, dejjaqha, jew jaghmilha hsara lil din il- persuna jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici;

8. irrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datata 3 ta' Dicembru, 2004, liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula jew imhassra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 t'April, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 85, 209, 49, 50 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati tat-tieni, tar-raba' w tas-seba' akkuza w ikkundannatu ghal erba' mija w sitta w sittin

Ewro (€466) u lliberatu mill-kumplament tal-akkuzi, in kwantu ma qiesetx li huma pruvati.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-11 ta' Mejju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza sabiex filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant mhux hati fl-ewwel, fit-tielet, fil-hames, fis-sitt u fis-seba' akkuzi li minnhom l-appellant kien gie lliberat minhabba nuqqas ta' provi, tirrevokaha in kwantu l-appellant jinsab hati tat-tieni, r-raba' w it-tmien akkuza b'dan li ma ssibx lill-appellant hati ta' l-istess u minnhom tilliberah biex b'hekk tillibera lill-istess appellant minn kull imputazzjoni w htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti u cioe' :-
Illi l-Ewwel Qorti qatt ma setghet sabitu hati tar-reat ta' *ragion fattasi* fic-cirkostanzi. Dan ghaliex l-appellant qatt ma ppretenda li kellu xi dritt fuq il-*handbag* jew fuq il-*mobile phone* ta' martu li mill-ewwel gew ritornati lill-Pulizija ghax l-intenzjoni qatt ma kienet li dawn jittiehdu bhala oggett jew bhala valur jew li johodhomlha ghax kien qed jippretendi li kienu tieghu jew nofshom tieghu. Izda hadhom biss biex ifittex informazzjoni biex forsi jiskopri fejn spiccaw l-oggetti li martu serqet minn go daru bl-assistenza ta' *private detective*. In-nuqqas ta' htija ta' din l-imputazzjoni twaqqa awtomatikament l-addebitu tar-recidiva, billi r-reati l-ohra huma ta' natura kontravvenzjonali.

L-Ewwel Qorti lanqas ma messha sabet htija tar-raba' imputazzjoni u cioe' li hu offenda l-pudur jew il-morali pubblika bl-ghemil li sar f' lok pubbliku billi dak li ghamel l-appellant kienet haga normali w effettiva li taghmel persuna biex ma tweggax lil min ikun qed jissara mieghu, biex l-istess persuna titilqu. Ladarba l-Ewwel Qorti ma sabet ebda htija dwar it-tielet imputazzjoni w cioe' dik ta'

attentat vjolent ghall-pudur fuq martu, ma setghetx issibu hati fuq din l-akkuza inqas serja meta kull ma sar kien in via ta’ difiza w biex ma jweggax lil martu.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-aggravji dwar il-mertu necessarjament jimplikaw ezami w revizjoni tal-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti fir-rigward tas-sejbien ta' htija tal-ewwel zewg imputazzjonijiet. Issa, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t’ apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawla setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta’ ligi w ta’ ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx wahda *“safe and satisfactory”* fid-dawl tar-rizultanzi.

Din il-Qorti proprju ghamlet dan l-ezami biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx ragonevolment u legalment issib htija tat-tieni w r-raba’ imputazzjonijiet w tal-addebitu tar-recidiva.

Mill-provi traskritti jirrizulta li r-retroxena ghall-incident in ezami kienet din. Fil-kors ta' proceduri ghas-separazzjoni bejn l-appellant w martu Dolores Camilleri, mart l-appellant, fis-sena 2005, kienet inkarigat investigatrici privata, certa Grace Gatt biex tara jekk zewgha kienx qed imur ma xi mara ohra. L-appellant kien ghalaq kamra wahda fid-dar taghhom b' katnazz u kien juzha bhala ufficcju. Meta l-appellant Michael Camilleri kien imsiefer, fuq ordni ta’ mart l-appellant, Grace Gatt kienet dahlet f' din il-kamra w hadet il-computer u xi effetti ohra ta' l-appellant Michael Camilleri.

L-incident mertu tal-kawza sehh fil-25 t' Awwissu, 2005 meta l-appellant gie lura mis-safar. Hu kien induna li martu kienet dahliltu f' din il-kamra w sab il-computer

nieqes. Ghal xit-3 a.m., qam argument bejnithom li fil-kors tieghu mart l-appellant qabdet il-*mobile phone* u cemplet fuqu lill-persuna li wara l-appellant kien skopra li kienet din Grace Gatt, ex-Pulizija li dak iz-zmien kienet sospiza mill-Korp fuq akkuzi kriminali. Mart l-appellant instemghet tghid kliem: *"fuq il-computer ser ikollna l-inkwiet".* L-appellant telaq. It-tnejn marru lejn l-ghassa tan-Naxxar, l-appellant bil-car ma certu Damian Casapinta w martu bil-mixi.

Meta l-appellant wasal l-ghassa, s-Surgent qallu li ma setax jaghmel ir-rapport qabel ma jghaddilhu lista ta' x' sab nieqes. Ghalhekk hu kellu jirritorna d-dar ma Damian Casapinta u ghamel lista tal-oggetti li kien sab nieqsa.

Meta wasal l-ghassa t-tieni darba bejn l-4 a.m. – 4.30 a.m., sab l-ghassa maghluqa w sab lil martu qed tistenna barra l-ghassa biex jigi xi pulizija jiftaha biex hi taghmel ir-rapport taghha. L-appellant ghadda minn hdejha w hatfilha l-*handbag* u telaq jigri bih. Martu griet warajh u f' hin minnhom waqghet. L-appellant sadattant kien tefa' l-handbag fil-car a' Casapinta w qallu biex isuq. Martu regghet qamet u lahqitu w hi ppruvat tissara mieghu biex tohodlu l-*mobile phone*. Jirrizulta *ex admissis* li waqt li l-appellant kien qed jipprova jehles mill-qabda ta' martu, messilha l-parti privata taghha biex hi tinhasad u titilqu. F' dan l-istadju gie f' idejn l-appellant il-*mobile phone* ta' martu w hadulha.  Wara xi hin waslu l-Pulizija w sabu lill-mart l-appellant  w hadu r-rapport minn ghandha.

Ikkonsidrat;

Issa li kien gara l-incident u li l-appellant w martu gew f' kuntatt ma xulxin mhux kontestat. Li hadilha l-handbag kif ukoll il-mobile phone w missilha l-parti privata taghha ukoll jirrizulta w mhux kontestat. Li qed jigi kontestat hu jekk dawn il-fatti *per se* legalment jammontawx ghar-reati li taghhom instab hati.

Issa fir-rigward tar-reat ta' *ragion fattasi* taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, li jaqa' taht it-tieni imputazzjoni, l-

gurisprudenza nostrana *in materia* hi li l-elementi ta' dar-reat huma erba w cioe' :-

(a) att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li tkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppozizzjoni, espressa jew prezunta, ta’ dan il-hadd iehor;
(b) il-kredenza li l-att qed isir b’ezercizzju ta’ dritt;
(c) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel “*di privato braccio”* dak li jmissu jsir permezz ta’ l-awtorita’ pubblika; w
(d) n-nuqqas ta’ titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (Ara. App. Krim. “**Il-Pulizija vs. Carmel maghruf bhala Charles Farrugia”** [17.2.95]; **“Il-Pulizija vs. Reno Micallef” [**6.6.1995]; **“Il-Pulizija vs. Mark John Schembri** [18.9.2002] u ohrajn).

L-appellant qed jargumenta li dan ir-reat ma jezistix ghax hu f’ ebda hin ma agixxa bil-kredenza li l-att kien qed isir b’ ezercizzju ta’ dritt. Di fatti jaccetta li ma kellu ebda dritt li jiehu l-*handbag* u l-*mobile phone* imma jghid li dan ghamlu biex jiskopri xi informazzjoni dwar min kien hadlu l-computer. Fit-trattazzjoni orali tieghu l-abbli difensur Dr. Kenneth Grima ssottometta li, se mai, l appellant kellu jinstab hati ta’ serq jew *“furto d’ uso”.*

Ikkonsidrat;

Illi meta jkun qed jispjega xi differenzi bejn l-elementi kostituttivi tar-reat ta’ serq u dawk ta’ *ragion fattasi*, il-**Professur Sir Anthony Mamo** [Notes on Criminal Law, 1958 edit., Vol. II (p. 306)] jghid li :-

*“The “animus lucrandi” is also negatived if the thing is taken and carried away in the exercise of a pretended right , in which case you may have in appropriate circumstances , the offence under section 84* (illum Section 85) *of the Criminal Code.”*

Il-**Professur Mamo** izid jelabora:

*“..it suffices that the purpose of deriving a gain in the above sense existed in the intention of the agent; it is not*

*required for the completion of the crime that such gain shall have in fact been realised..... Indeed even where the gain has failed to be realised by reason of a voluntary act of the thief himself ( e.g. because he restores the thing ) ...the crime of theft juridically continues to subsist, inasmuch as the "animus lucrandi" was present at the time of appropriating the thing. Restitution of the thing or compensation operates only in mitigation of punishment in certain cases."*

L-istess jghid **MAINO** [fil-"Commento al Codice Penale" Libro II, Titolo X , para. 1844] jghid :-

"*Se la sottrazione della cosa altrui e' commessa o per pagarsi di un credito, o per compensarsi di un danno, o per esercitare sulla cosa un diritto ancorche' controverso, esula dal fatto, per comune consenso degli scrittori e pel concetto dell'articolo in esame, l'imputabilita' a titolo di furto."*

u

*"Ricorrendo gli altri estremi voluti dall'art 235 cod. pen , non sara' dunque applicabile il-titolo di furto, ma quallo di ragion fattasi a chi prenda una cosa del suo debitore per rivalersi o garantirsi del suo credito a chi sottragga una cosa litigiosa nella credenza di avervi diritto;*
*e cio' perche' in tali casi la coscienza del diritto esclude il dolo del furto, sostituendo al proposito di procurarsi un illecito profitto (n.1843) quello di evitarsi un danno."*

Il-**CARRARA** ( Vol.IV , para. 2036 ) jghid li :-

*"Si esclude in colui che credeva di aver ragione sopra la cosa o intendeva a riscattare un suo credito: il quale si rendera' responsabile di ragion fattasi ma non di furto."*

u fl-annotazzjoni tal-istess paragrafu, dan il-gurista ikompli jelabora dwar din id-distinzjoni bejn ir-reat ta' serq u dak ta' ragion fattasi. Hekk jghid :-

*"La eliminazione del furto per la sua conversione nel titolo di ragion fattasi ha una frequente applicazione ... La vidi applicare ad un marito che avendo sorpreso la moglie in adulterio, aveva tolto al drudo l'orologio per ricattarsi. La vidi applicare ad una domestica che sedotta dal proprio padrone, era fuggita dalla sua casa asportando oggetti di valore per supplire alle spese del suo parto. Queste ed altre simili sono conseguenze del principio che al furto richiede il fine della locupletazione e sono conseguenze logiche quando siano rettamente applicate alle contingenze dei fatti. .... il-vero fondamento della degenerazione del furto in ragion fattasi sta nella mancanza nell'animo di arricchirsi.*

Umbaghad izid jghid li r-raguni ghal din id-distinzjoni hija wahda:

*"eminentemente giuridica, cosi' nel rapporto soggettivo, perche' vi e' minore malvagita'; come nel rapporto oggettivo, perche' chi al fine di pagarsi invola un oggetto al suo debitore non reca spavento ad alcuno tranne ai debitori di mala fede, ai quali deve la societa' una protezione minore. La teorica dominante in Italia e' dunque giustissima sotto tutti gli aspetti."*

Il-**Professur Sir Anthony Mamo** [op. cit., p. 305] jispjega hekk :-

*"The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging to others (lucri causa). Thus "lucrum" in this connection does not mean an actual gain or profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one's self...."*

u l-**MAINO** (op.cit , para. 1843) jghid :-

*"il profitto ...deve intendersi cosi' nel senso di lucro potenziale e possibile e di lucro non soltanto materiale, ma nell'ampio senso della parola."*

u aktar ‘ isfel :-

*“...per lucro o profitto nel furto si intende non soltanto il lucro borsuale che puo ritrarsi dalla cosa rubata vendendola, oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro , ma qualunque godimento o piacere, qualunque sodisfazione procurata a se stesso.”*

Umbaghad il-CASSAZIONE ta’ Ruma ukoll irriteniet li :-

“*Per lucro va inteso qualsiasi vantaggio illecito che si tragga o si proponga di trarre materialmente dalla cosa rubata.” [21, Novembre , 1916 - Bollett Pen. 1917 , p..140]*

Issa kif gie dejjem ritenut mill-Qrati Taghna l-intenzjoni li taghmel xi qliegh tikkostitwixxi l-intenzjoni specifika tar-reat tas-serq. L-element intenzjonali ta’ dan ir-reat ma jikkonsistix biss fl-intenzjoni li wiehed jiehu l-oggett, imma ukoll li dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qliegh. Kif jghid il-**CARRARA** [op.cit. Vol. IV , para. 2035:-

*“il dolo specifico del furto consiste nell’intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll’uso della cosa altrui.*

u

*“per lucro qui non s’intende un’ effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso.”*

Issa fil-kaz in ezami l-appellant meta hataf il-*handbag* u l-*mobile phone* ta’ martu ma jirrizultax li ghamel dan ghax ippretenda li kellu dritt li jaghmel dan u li kien qed jiehu l-ligi b’ idejh. Jirrikonoxxi li dan ghamlu b’ abbuz u kontra l-volonta’ ta’ martu biex forsi jiskopri ghand min kienu l-computer u xi oggetti ohra li gew sottratti mill-kamra msakkra li kien hallihom fiha. Dan, fil-fehma ta’ din il-Qorti, jannnjenta l-ezistenza ta’ wiehed mill-elementi ewlenin tar-reat ta’ *ragion fattasi* u cioe’ dak li l-att ikun qed isir b’ ezercizzju ta’ dritt li kien jippretendi li kellu.

Ghalhekk l-att tal-appellant, f’ dawn ic-cirkostanzi, kien aktar jirrijentra fl-ambitu ta’ serq milli fir-reat ta’ ragion fattasi. F’ dan il-kaz il-lukru jew vantagg li kien ser jikseb l-appellant kien proprju dak li mill-*handbag* jew mill-*mobile phone* ikun jista’ jikseb xi informazzjoni kif fuq intqal. Hija sintomatika l-mistoqsija li l-istess Spettur li nvestiga l-kaz ghamel lill-appellant meta kien qed johodlu l-istqarrija tieghu (fol. 20 tal-process) u l-appellant qal:

*“Nghid li hadtilha il-mobile u tfajtu fil-but…..”*

Mistoqsija tal-Ispettur: ***<u>“Taf li dak hu serq tal-mobile ukoll?”</u>***

Risposta tal-appellant: “*Iva…..”*

Minn din il-mistoqsija johrog li anki l-istess spettur investigatur kien qed iqis il-kaz bhala wiehed ta’ serq u mhux ta’ *ragion fattasi.*

Stante li r-reat ta’ serq mhux reat kompriz jew involut fir-reat ta’ *ragion fattasi*, din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi l-htija tar-reat ta’ *ragion fattasi* b’ dak ta’ serq. Ergo tista’ biss tillibera lill-appellant mit-tieni imputazzjoni, kif ser taghmel.

Ikkonsidrat;

Illi dwar ir-raba’ imputazzjoni, l-appellant jikkoncedi li waqt li qed jissara ma martu qabdilha l-parti privata taghha izda jghid li dan ghamlu b’ rejazzjoni spontanja w naturali biex jahsadha w din titilqu, bla ma jweggaghha. Fl-ewwel lok, din il-Qorti ma taqbel xejn li din hi xi rejazzjoni naturali jew “*reflex action*” ta’ persuna li tkun qed tissara ma xi hadd, kif issottometta - b’ gesti alquanto grafici - l-abbli difensur waqt it-trattazzjoni orali. Att simili jibqa’ att vulgari w pastaz jaghmlu minn jaghmlu w ma jirrientrax fil-ambitu la tal-lotta Rumana w lanqas dik Griega. Lanqas jaqa’ taht il-Queensbury Rules tal-*boxing*! Jammonta ghal *hitting below the belt* fis-sens litterali tal-kelma w ma jista’ qatt jigi kondonat.

Certament li tali att kien att li jikser il-morali w il-pudur tal-pubbliku. Sar f' post pubbliku fit-triq quddiem l-ghassa tan-Naxxar u l-fatt li sar fil-kontest ta' kolluttazzjoni ma jbiddilx in-natura tieghu bhala att minnu nnifsu oxxen. Se mai,dan jista' jittiehed in konsiderazzjoni biss ghall-fini tal-piena. Ghalhekk dan l-aggravju tal-appellant hu bla bazi legali w qed jigi respint.

Kwantu ghall-aggravju li ladarba l-appellant mhux hati tar-reat ta' *ragion fattasi* allura ma jistax jinstab hati tal-addebitu tar-recidiva, stante li r-reat ta' offiza ghall-pudur u l-morali pubblika taht ir-raba' imputazzjoni huwa delitt u mhux kontravvenzjoni - kif erronjament issottometta l-appellant, tissussisti r-recidiva anki skond l-artikolu 50. Dan ghaliex l-appellant b' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kien instab hati tar-reat ta' *ragion fattasi* fil-konfront tal-istess martu w dan hu delitt ukoll. Dan apparti li ghall-fini tal-artikolu 49 persuna titqies recidiva jekk, wara li tkun giet ikkundannata ghal reat (mhux necessarjament delitt) b' sentenza li tkun saret definittiva, taghmel reat (mhux delitt) iehor. Konsegwentement dan l-aggravju tieghu dwar l-applikabilita' tar-recidva huwa manifestament infondat u qed jigi respint.

Dwar il-piena ladarba l-appellant qed jigi liberat mill-akkuza ta' *ragion fattasi* dan irid ikun rifless fil-piena. Il-Qorti fliet il-fedina penali tal-appellant li kull ma fiha hu kundanna ghal *ragion fattasi* ghax qata' s-servizz tal-*internet* godut minn martu, ohra li ingurja bi kliem lil martu w ohra li naqas li jhallasha manteniment u tqis li zgur ma tistax li tapplika l-piena restrittiva tal-liberta' preskritta fl-artikolu 209 tal-Kodici Kriminali skond l-artikolu 428 (7) ghax tkun qed izzid il-piena meta l-appell sar mill-persuna misjuba hatja. Dan ghaliex  lanqas l-Ewwel Qorti ma ghamlet dan u llimitat ruha ghall-piena pekunjarja kumulattiva ghaz-zewg reati li taghhom kien instab hati l-appellant. Jekk din il-Qorti tnaqqas l-ammont tal-multa biss, tkun qed tmur kontra d-dispost tal-artikolu 209 li, oltre l-multa, jippreskrivi piena karcerarja ghal zmien mhux izjed minn tlitt xhur. Umbaghad stante r-recidiva lanqas

tista' tigi applikata sentenza sospiza skond l-artikolu 28A (7) (b) tal-Kap.9 u f' kull kaz din il-Qorti ma tistax tapplikaha skond l-artikolu 428 (7) ghax anki f' dak il-kaz tkun qed izzid il-piena meta l-appell sar mill-persuna misjuba hatja. Lanqas hu l-kaz li l-appellant – ragel ta' 53 sena - jitpogga taht probation. Ghalhekk l-unika triq li jibqa' hija dik ta' liberazzjoni kondizzjonata skond l-artikolu 22 tal-Kap.446.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata b' dan li qed tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tar-raba' imputazzjoni w tal-addebitu tar-recidiva w fejn sabet lill-appellant mhux hati tal-ewwel, tat-tielet, tal-hames, tas-sitt u tas-seba imputazzjoni w qed tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni w minnflok ma ssibux hati taghha w minnha qed tilliberah, kif ukoll fejn ikkundannat lill-appellant ghall-hlas ta' multa ta' erba mija u sitta w sittin Ewro (€ 466) u minnflok, stante c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt snin mill-lum a tenur tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------